MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 1055/2005

**Leonard Godfrey Nolan u martu Mary Rose bhala kuraturi legali ta` binthom minuri Rachel Nolan**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-3 ta` Novembru, 2005, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

L-atturi noe zzewgu fis-26 ta` Ottubru, 1989 u fis-17 ta` Jannar, 1992 twieldet binthom minuri (li allura issa ghandha tlettax-il sena ) li inghatat l-isem Rachel Alexandra Nolan, u giet irregistrata bic-certifikat tat-twelid numru 595 tas-sena 1992 mahrug mir-Registru Pubbliku;

Fil-kaxxa appozita fuq il-lemin tac-certifikat tat-twelid fuq imsemmi mahruga mill-konvenut, l-istess Rachel Alexandra hija indikata li hija maghrufa bhala ‘Rachel’ u mhux ‘Rachel Alexandra’ fil-hajja ta` kuljum;

Meta saret ir-registrazzjoni, l-attur Leonard Godfrey Nolan, missier l-istess Rachel Alexandra, kien diga` konxju li jista` jigri dan, minhabba li l-istess kien diga` gara meta gie rregistrat binhom u hu Rachel Alexandra, u ghalhekk l-attur indika b`mod car illi t-tifla kienet ser tkun maghrufa bhala Rachel Alexandra u mhux Rachel; illi jidher li xorta ma gewx segwiti l-istruzzjonijiet ta` l-attur;

It-tifla hija mghammda wkoll bhala Rachel Alexandra, u dana jidher ukoll mic-certifikat tal-maghmudija kif ukoll mill-passaport u c-certifikat ta` l-identita` mahruga lilha mill-Awtoritajiet tar-Renju Unit, stante li t-tifla ghandha wkoll nazzjonalita` tar-Renju Unit;

Inoltre minn ckunita din it-tifla dejjem kienet maghrufa bhala ‘Rachel Alexandra’ u mhux bhala ‘Rachel’, u dan ukoll fuq certifikati varji ta` l-iskola u ohrajn;

B`rizultat tar-registrazzjoni zbaljata, il-karta ta` l-identita` ma tistax tinhareg bl-isem ‘Rachel Alexandra Nolan’ izda bl-isem ‘Rachel Nolan’, u dana jista` jikkawza problemi wkoll minhabba illi hemm diskrepanza bejn kif se tinhareg il-karta ta` l-identita` Maltija u l-passaport tar-Renju Unit u dokumenti ohrajn mahruga f`isem il-minuri Rachel Alexandra;

Talbu lill-konvenut ighid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi illi fuq bazi tal-provi migjuba, il-konvenut zbalja meta rregistra isem it-tifla bhala Rachel u mhux Rachel Alexandra;

2. tordna korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid u konsegwentament tad-*data* mizmuma fir-rekords tar-registru fis-sens illi fl-ahhar kolonna, fuq nett, jizdied l-isem ‘Alexandra’ wara l-isem ‘Rachel’;

3. taghmel kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt in subizzjoni u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha ecepixxa illi:

1. L-esponent ma joggezzjonax illi ssir korrezzjoni fl-Att ta` Twelid tal-minuri li hu registrat fir-Registru Pubbliku f`Malta u li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 595 tas-sena 1992 pero` dana a bazi ta` l-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili stante li ma jirrizulta l-ebda zball min-naha ta` l-esponent.

2. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti stante illi l-procedura titlob li l-persuna li taghmel in-notifikazzjoni tat-twelid ta` tarbija li f`dan il-kaz kien l-attur Leonard Godfrey Nolan stess, tiffirma fuq l-Att tat-Twelid originali li dawk id-dettalji li ta huma korretti u ghalhekk kellu l-obbligu li jivverifika li l-informazzjoni li tnizzlet u nqrat lilu dak in-nhar tan-notifikazzjoni tat-twelid minn ufficcjal pubbliku fid-Dipartiment ta` Registrazzjoni Civili kienet ezatta.

3. Jirrizulta mill-Att tat-Twelid imsemmi rregistrat fir-Registru Pubbliku li taht il-kolonna li tindika l-*'Ismijiet moghtija'* lit-tarbija l-attur indika l-ismijiet *'Rachel Alexandra'*, pero` taht l-*'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* l-missier indika l-isem *'Rachel'* u dn l-informazzjoni tintalab mid-Dipartiment ai termini ta` l-Artikolu 278(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li avviz ta` din il-kawza gie debitament ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta` Frar, 2006;

Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li fis-17 ta` Jannar, 1992, l-atturi twelditilhom tifla li nghatat l-isem ta` Rachel Alexandra Nolan. Fic-certifikat tat-twelid taghha numru 595/92, fil-kolonna intestata *"Ismijiet moghtijin"* tnizzlu l-ismijiet *"Rachel Alexandra"*, waqt li fil-kolonna intestata *"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"* tnizzel biss l-isem *"Rachel"*. Jirrizulta, pero`, mid-dokumenti esebiti u mill-provi l-ohra prodotti, li t-tifla hi maghrufa bl-ismijiet Rachel Alexandra. Anke ic-certifikat tal-maghmudija taghha juri din il-kombinazzjoni ta` ismijiet. Fl-iskola u mal-familja tal-atturi, it-tifla hija wkoll maghrufa bl-isem ta` Rachel Alexandra, u, allura, jidher car li hemm lok li t-talbiet attrici jigu milqugha.

L-attur, li mar jirregistra t-tarbija, jissottometti li l-izball sar mill-ufficcjal li lilu nghata l-informazzjoni, peress li hu kien indika specifikament li fil-hajja ta` kuljum it-tarbija kienet ser tkun maghrufa bhala *"Rachel Alexandra"*, izda l-iskrivan xorta nizzel l-isem biss ta` Rachel fl-ahhar kolonna. Il-Qorti tinnota, pero`, li c-certifikat originali, u li kopja tieghu jinsab esebit fl-atti, kien gie iffirmat mill-istess attur, u dan kellu zgur l-obbligu li jivverifika li l-informazzjoni li tnizzlet kienet ezatta; jekk hu iffirma ic-certifikat, ifisser li hu qabel mad-dettalji hemm registrati, u jekk issa qed jghid li sar zball irid ibati l-ispejjez tal-korrezzjoni opportuna.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-atturi u tordna li fic-certifikat tat-twelid numru 595/1992, fil-kolonna intestata *“Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”*, wara l-isem *“Rachel”* jizdied l-isem *“Alexandra”*.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------